biex turi li Ġesù twieled wara ż-żwieġ ta' Marija. Naħseb li San Luqa għażel il-kelma "għarusa" flok "mara" għal t'apposta, biex ma jagħtix lil wieħed x'jaħseb li Ġesù twieled minn Marija u Ġużeppi bħalma jitwieldu trabi oħra minn omm u missier. Imqar il-lum lil San Ġużepp ngħidulu l-għarus ta' Marija, mhux żewġha għalkemm hu tassew żewġha. Iż-żwieġ ta' Marija u Ġużeppi kien rabta ta' żewġt iqlub safja, u Ġesù kien il-frott tal-Ispirtu s-Santu mhux il-frott tal-imħabba ta' raġel u mara.

Fi ftit kliem l-istorja taż-żwieġ ta' Marija kienet din: Marija u Ġużeppi tgħarrsu; Marija, wara t-taħbira tal-Anġlu, saret omm bl-opra tal-Ispirtu s-Santu; Marija tmur għand qaribitha Elisabet. Ġużeppi jintebaħ li l-għarusa tiegħu saret omm u beda jaħseb biex jitlaqha. l-Anġlu serraħlu moħħu u Ġużeppi żżewweġ lil Marija. Wara marru jinkitbu Betlehem u hemm Marija kellha tarbija, Ġesù.

P. P. SAYDON.

---

# IR-RAMDAN F'ĠERUSALEM

Meta jiġi daż-żmien, żmien ir-Ramdan, inħoss lil qalbi trid trabbi l-ġwienaħ, u ttir u tgħaddi l-baħar u tinżel Ġerusalem.

Għax għalija, li għaddejt żmien twil Ġerusalem, ir-Ramdan kien ikun żmien ta' hena. M'hux hena tax-xalar, imma hena tas-swied il-qalb u n-niket; dak il-hena biered u kiebi, li jħoss f'qalbu kull bniedem għal xi ġrajja ta' hemm, li ikun jaf imma li wara sa tisfa[illegible]u ta' ġid.

Ġerusalem miżgħuda bit-tifkiriet tat-tbatija u l-mewt ta' Ġesù. Hemm iċ-Ċenaklu, il-lum f'idejn il-Lhud. Hemm il-Ġetsemni, f'idejn il-Franġiskani ta' Ġieżu. Hemm id-djar tal-qassisin Hanna u Kajafa, għand ir-rħieb Armeni. Hemm il-Qorti ta' Pilatu, il-lum magħmula dar tal-ltiema Misilmin. Hemm il-misraħ ta' quddiem il-qorti, qisu kollu tal-Franġiskani li bnew fih żewġ knejjes żgħar. Fejn Ġesù ltaqa' m'Ommu Marija hemm knisja tar-rħieb Armeni Kattolki. F'minkeb tat-triq fejn tibda t-telgħa tal-Kalvariu, hemm kamra mudlama magħmula knisja li tfakkar fejn Xmun il-Kirjani rafa' s-salib ta' Ġesù. F'xi nofs it-telgħa hemm knisja oħra, mudlama wkoll, f'idejn il-Griegi Kattolki fejn il-



ĠERUSALEM. — Il-knisja tal-Kundanna mibnija mill-Franġiskani fil-Pretorju ta' Pilatu.

Veronka meshet Wiċċ Ġesù mill-għaraq u d-demm. Aktar 'il fuq f'salib it-toroq, ġewwa kantuniera, hemm żewġ knejjes żgħar, waħda fuq l-oħra, fejn Ġesù waqa' t-tieni darba. Imbagħad, 'il fuq hemm il-bażilka tal-Qabar ta' Kristu, li ġewwa fiha hemm għadd ta' knejjes żgħar, fosthom waħda fuq il-blata tal-Kalvarju fejn Ġesù kien mislub.

Il-Franġiskani, fir-Ramdan, kull nhar ta' Ġimgħa, iqaddsu quddiesa Xmun il-Kirjani u tat-Tieni Waqgħa, ma jqaddsux fihom għajr darba fis-sena u anqas ma jiftħuhom għajr darba fil-kemm. It-tnejn bla twieqi, mudlama u kollha ndewwa, għax ma jitrewwħux. Billi qegħdin bejn id-djar tal-Misilmin, fihom twieqi jinfetħu ma jistgħux.

Imbagħad, ma' tul ir-Ramdan f'Ġerusalem, issir ħaġa oħra li jien, ngħid għalija, kont naraha sabiħa wisq. Din hija l-Matutin bil-kbir li jsir kull Sibt



**ĠERUSALEM. — Purċissjoni tal-Franġiskani wieqfa quddiem il-Qabar ta' Kristu (fil-lemin, wara l-kandlieri l-kbar).**

kbira ġewwa waħda minn lawn il-knejjes. L-ewwel Ġimgħa fil-knisja tal-Ġetsemni. It-tieni, fil-knisja tal-Flaġellazzjoni, waħda miż-żewġ knejjes li hemm fil-misraħ ta' quddiem il-qorti ta' Pilatu. It-tielet, fil-knisja tal-Kundanna, f'dak il-misraħ ukoll. Ir-raba' fil-knisja ta' Xmun il-Kirjani. Il-ħames, fil-knisja l-fuqanija tat-tieni waqgħa, u s-sitta fil-kappella ta' fuq il-Kalvarju.

Tnejn minn dawn il-knejjes, ta' f'nofs il-lejl ġewwa l-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu.

Ikunu l-ħdax ta' bil-lejl. Ġerusalem mudlama u siekta, għax kull ħadd rieqed f'daru u l-bwieb ta' kull ħadd maqfula. Tistama' ddoqq il-qanpiena l-kbira tal-Franġiskani mill-kanpnar tal-knisja tagħhom, 'il fuq mill-Qabar ta' Kristu. Ftit nies jinġabru ħada bieb id-Dejr. Jinfetaħ il-bieb u joħorġu l-Franġiskani, u l-koll flimkien jimxu lejn il-Qabar ta' Kristu.

Quddiem nett jimxi l-qawwas, jiġifieri, suldat Tork, liebes sarwal u sidrija tal-bellus ikħal bir-rakkmu taddeheb. Bit-tarbux f'rasu, xabla fuq ġenbu, fanal mixgħul f'idu x-xellugija, u ħatar oħxon bir-ras tal-fidda, u t-tarf t'isfel tal-ħadid, f'idu tal-lemin. Jimxi, u jħabbat qawwi mal-mixi, bil-ħadida tal-ħatar, fuq l-art.

Wara l-qawwas jimxi r-rajjes tal-Franġiskani u ma' dwaru l-kbarat, Franġiskani imsieħba mid-daqq tal-orgni, imbagħad isir purċissjoni ma' dwar il-Qabar ta' Kristu li fiha jitkanta l-Benedictus. Imbagħad, wara li jeħles kollox, jibda l-quddies. F'kull artal tal-Franġiskani tara xi raħeb iqaddes. In-nies għar-rkubtejhom jisimgħu l-quddies u ħafna fosthom jitqarbnu. U wara l-quddies, ftit ftit, joħroġ mill-Bażilka kull ħadd.

Il-għassies Mislem ta' bieb il-Bażil-



ĊERUSALEM. — Il-knisja tas-Swat jew Flaġellazjoni, mibnija mill-Franġiskani fil-Pretorju ta' Pilatu.

imbagħad ir-rħieb l-oħra, u wara kull ħadd in-nies. Ħafna min-nies ikollhom fanali mixgħula f'idejhom, għax it-triq lejn il-Qabar ta' Kristu għanniżla, imbalita b'ċagħak mieles u jiżloq, u kull ftit passi hemm targa' għal hekk biex togħtor ma trid xejn.

Jidħlu l-Bażilka u jibda jdoqq l-orgni. L-ewwel ma tiġbidlek il-ħarsa ta' għajnejk, tkun l-Edikola li ġewwa fiha jinsab il-Qabar ta' Kristu, kif tkun imżejna u mixgħula b'għadd kbir ta' lampieri żgħar tal-fidda, bil-bozoz ħomor, koħol, sofor, u minn kull lewn.

Jitkanta l-Matutin u l-Lawdi mill-ka, iħabbat il-ħabbata tlieta jew erba' darbiet, biex jekk ikun baqa' xi ħadd għall-ħruġ, joħroġ. Għax meta jingħalaq dak il-bieb ma jarġax jinfetaħ qabel is-sebgħa ta' fil-għodu, wara li tkun ilha li telgħet ix-xemx.

* * *

U hekk isir ir-Ramdan kollu: quddiesa kbira sbieħ il-Ġimgħa u Matutin bil-kbir kull lejlt is-Sibt.

JUSEF ŻAGHRUR.